

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Settembru 2011

dwar il-punti ta' referenza biex jiġu allokati lill-operaturi tal-ajruplani kwoti mingħajr ħlas ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 3e tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/638/UE)

(ĠU L 252, 28.9.2011, p. 20)

Kkoreġuta minn:

- C1 Emendi, Ġ.U. L 120, 5.5.2012, p. 16 (2011/638/UE)
- C2 Emendi, Ġ.U. L 27, 29.1.2013, p. 15 (2011/638/UE)



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Settembru 2011

dwar il-punti ta' referenza biex jiġu allokati lill-operaturi tal-ajruplani kwoti mingħajr ħlas ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 3e tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/638/UE)

II-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3e(3)(e) tagħha,

Billi:

- (1) Huwa neċċessarju li jiġu adottati punti ta' referenza li għandhom jintużaw biex jiġu allokati lill-operaturi tal-ajruplani kwoti mingħajr ħlas fil-perjodu ta' kummerè mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012, imsemmija fl-Artikolu 3c(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u fil-perjodu ta' kummerè mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020, imsemmija fl-Artikolu 13(1) flimkien mal-Artikolu 3c(2) ta' dik id-Direttiva.
- (2) L-allokkazzjonijiet skont dawk il-punti ta' referenza għandhom jiġu ffissati sal-2020 minbarra meta l-atti adottati skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE jkunu jirrikjedu modifikazzjonijiet ta' konsegwenza.
- (3) Wara l-inkorporazzjoni fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) tad-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità ⁽²⁾ permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 6/2011 tal-1 ta' April 2011 li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE ⁽³⁾, il-punti ta' referenza għandhom jiġu applikati fiż-ŻEE.
- (4) Huwa għaldaqstant meħtieġ li l-punti ta' referenza jkunu abbażi tal-għadd ta' kwoti taż-ŻEE mingħajr ħlas iffissati mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 93/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li jemenda l-Anness XX (l-Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

⁽²⁾ ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 93, 7.4.2011, p. 35.

⁽⁴⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

- (5) Il-punti ta' referenza għandhom jiġu kkalkulati billi jiġi diviż l-għadd ta' kwoti applikabbli fiż-ŻEE għall-perjodu ta' kummerċ mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012 u dak applikabbli għall-perjodu ta' kummerċ mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020 bit-total taċ-ċifri fid-dejta ta' tunnellata kilometru inkluż fl-applikazzjonijiet mressqa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3e(2) tad-Direttiva 2003/87/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għall-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, ►**C1** il-punt ta' referenza msemmi fl-Artikolu 3e(3)(e) ◀ li għandu jintuża biex jiġu allokati l-kwoti mingħajr ħlas lill-operaturi tal-ajruplani skont l-Artikolu 3e(1) ta' dik id-Direttiva għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012 għandu jkun ta' 0,000679695907431681 kwota għal kull tunnellata kilometru.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, ►**C1** il-punt ta' referenza msemmi fl-Artikolu 3e(3)(e) ◀ li għandu jintuża biex jiġu allokati lill-operaturi tal-ajruplani l-kwoti mingħajr ħlas skont l-Artikolu 3e(1) ta' dik id-Direttiva għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' ►**C1** 0,00513749531377628 kwota għal kull tunnellata-kilometru, ekwivalenti għal 0,000642186914222035 kwota għal kull tunnellata-kilometru fis-sena ◀.

*Artikolu 2***▼C2**

Il-kalkoli relatati ma' għadd ta' kwoti li għandu jiġi allokati skont il-punti ta' referenza stabbiliti fl-Artikolu 1 jiġu mnaqqsa biex jitqarrbu lejn l-eqreb kwota.

▼B*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.